**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 16 ta' Diċembru, 2024

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Emanuel Gatt, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 437266(M)**

*Kumpilazzjoni Nru.487/2007*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Emanuel Gatt** u ċioe talli:

> Fis-17 ta' Diċembru, 2006, għall-ħabta ta' 4.30 p.m., fi Triq il-Mithna, Qormi, saq Vettura Nru. CAH-154 (1) b'manjiera traskurata (2) perikoluza (3) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-Vettura Nru. CAH-154 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi (4) u aktar talli saq, ipprova isuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru. CAH-154 fit-triq f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs fid-demm jew fil-urina kien iżjed mil-limitu preskritt (5) kif ukoll b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Theresa Bugeja skond kif iċċertifika Dr. Konrad Borg M.D. ta' S.L.H.
>
> Il-Prosekuzzjoni titlob li tiġi skwalifikat mill liċenzja kollha tiegħek tas-sewqan.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2) u ħamsa (5) miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li

hu ħati għall-imputazzjonijiet msemmija miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret illum stess is-16 ta' Diċembru, 2024.

Ikkunsidrat ukoll,

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn u ħamsa miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' dawk l-imputazzjonijiet kif minnu ammessi.

Jibqa' għalhekk biex jiġi kunsidrat jekk għandhiex tinstab ħtija fl-imputat fuq l-imputazzjonijiet rimanenti.

Minn eżami tal-proċess li ilu jkarkar sa mill-2007, ma jirriżulta l-ebda xiehda għajr dik ta' Dr. Conrad Borg li ċċertifika lil Theresa Bugeja bħala li sofriet ksur tal-għadma tas-sebgħa tax-xellug, ġrieħi f'għonqha u spallitha tax-xellug, liema ġrieħi ġew klassifikati bħala gravi minħabba l-ksur.[1]

Aktar inkwetanti minn hekk, jidher mill-verbal tal-28 ta' Marzu, 2008,[2] li l-"parte civile" informa lil Qorti li bħala ħsarat fuq il-vettura dawn kienu jammontaw ghal €1,700 <u>inkluż addirittura spejjez tal-Qorti</u>!!!! Dan mingħajr imqar biċċa riċevuta jew prova dokumentarja oħra. Hi ta għajb li l-parte civile, li jibqa' mhux identifikat fil-verbal, multo magis dan lanqas ma xehed bil-ġurament!

Dak li l-iżjed jiżbalordixxi lil din il-Qorti hu kif ma kienet ingħatat l-ebda imputazzjoni fuq hsarat fuq xi vettura, iżda minn żmien għal żmien, l-imputat kien jittella l-Qorti

[1] Fol.43-44
[2] Fol.18

sabiex jgħaddi pagamenti ta' tlett mitt (300) ewro lil ċertu Etienne Bugeja. jibqa' mhux magħruf għaliex il-Qorti, kif diversament preseduta, aċċettat li jsiru pagamenti quddiema fuq ħsarat ta' vettura li l-imputat ma kienx imputat bihom. Iktar u iktar fin-nuqqas li jinstemgħu xi provi dwar l-imputazzjonijiet li ġie mixli bihom Gatt għajr, kif intqal, għat-tabib Dr. Conrad Borg.

Mill-Current Incident Report li jibqa' mhux konfermat bil-ġurament jidher li Etienne Bugeja kien qed isuq il-vettura li fiha kienet riekba Theresa Bugeja.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat fuq l-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn u ħamsa, tal-fatt li dan il-każ tħalla jkarkar inspjegabbilment ghal xejn inqas minn sbatax (17) il-sena meta kull ma nstema kien xhud wieħed biss. Ittieħed kont tal-fedina penali tal-imputat u taċ-ċirkostanzi tal-każ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru tlieta (3) w erba' (4), wara li rat l-artikoli 17, 31 u 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-artikolu 15(1)(a) tal- Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta,  issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha, iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat iehor fi żmien erbgħin (40) xahar millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tlett (3) xhur millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**